

# IL-PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' Sessjoni*

FINALI  
**A6-0433/2006**

29.11.2006

**\*\*\*II**

## **RAKKOMANDAZZJONI GĦAT- TIENI QARI**

dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' minuri u d-dinjità umana u d-dritt ta' risposta fir-rigward tal-kompetittività ta' l-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u ta' l-informatika (9577/1/2006 – C6-0313/2006 – 2004/0117(COD))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Marielle De Sarnez

***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*I Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\* Proċedura ta' kunsens  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
- \*\*\*I Proċedura ta' konsultazzjoni  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa*
- \*\*\*II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*  
*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
- \*\*\*III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)  
*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

***Emendi għal test leġiżlattiv***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

### Paġna

|   |   |
|---|---|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW..... | 5 |
| NOTA SPJEGATTIVA .....  | 6 |
| PROCĊEDURA .....  | 8 |



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' minuri u d-dinjità umana u d-dritt ta' risposta fir-rigward tal-kompetittività ta' l-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u ta' l-informatika  
(9577/1/2006 – C6-0313/2006 – 2004/0117(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (9577/1/2006 – C6-0313/2006),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>1</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2004)0341)<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2006)0031)<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251, paragrafu 2, tat-Trattat tal-KE,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0433/2006),
1. japprova l-pożizzjoni komuni;
  2. josserva li l-att għe stabbilit konformi mal-pożizzjoni komuni;
  3. jinkariga lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254, paragrafu 1, tat-Trattat tal-KE;
  4. jinkariga lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ivverfika li l-proċeduri kollha saru kif xieraq, u biex jipproċedi, bi ftehim mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, għall-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;
  5. jinkariga lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU C 193 E tas-17.8.2006, p.217.

<sup>2</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>3</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

## NOTA SPJEGATTIVA

### Rapport għat-tieni qari

L-abbozz ta' rakkomandazzjoni propost mill-Kummissjoni Ewropea kien imtejjeb u komplut mill-Parlament Ewropew ibbażat fuq ftehim kważi unanima fil-Kumitat, wara ġiet adottata waqt is-sessjoni plenarja fl-ewwel qari tas-7 ta' Settembru 2005; Dan l-abbozz jistabilixxi numru ta' miżuri ddettaljati li jistgħu jittieħdu mill-Istati Membri u mill-industriji tas-servizzi awdjoviżivi 'online' sabiex wieħed jiżgura ħarsien aħjar tal-minuri u tad-dinjità umana. Fl-istess waqt huwa jipproponi miżuri li jiggarrantixxu d-dritt ta' tweġiba fil-midja 'online'.

L-assigurazzjoni li wieħed ikollu dritt ta' tweġiba kienet is-suġġett ta' diversi negozjati mal-Kunsill u mal-Kummissjoni Ewropea. Il-proposta għal pożizzjoni komuni tista' tkun ikkunsidrata bħala pass 'l quddiem minħabba li, sa issa, id-dritt ta' tweġiba ma ġiex rikonoxxut fuq livell Ewropew mill-midja 'online'.

L-internet sar mezz ta' komunikazzjoni popolari speċjalment għaż-żgħażaġh - aċċessibbli l-iskola, fis-'cybercafé' u fuq il-mowbajls tat-tielet ġenerazzjoni - għalhekk saret urġenti li l-Unjoni Ewropea tippromovi fuq livell Ewropew, set komprensiv ta' miżuri li jfittxu li jipprovdu għall-inqas grad minimu ta' ħarsien għal dawk l-iktar dgħajfa u għal minuri, li huma esposti aktar u aktar ta' spiss għal xeni (vjolenti jew pornografiċi) li jagħmlu ħsara.

Il-pożizzjoni komuni hija sodisfaċenti minħabba li tqis il-proposti ewlenin imressqa mill-gruppi politiċi flimkien :

Informazzjoni u taħriġ aħjar : L-abbozz ta' rakkomandazzjoni jistabilixxi li l-Istati Membri jniedu kampanji ta' informazzjoni sabiex joħolqu kuxjenza pubblika dwar ir-riskji eventwali ta' l-Internet, u jgassmu pakketti ta' informazzjoni (information packs) li jkun fihom ideat dwar 'safe surfing', kif jipproteġu ruħhom grazzi għal sistemi ta' kontroll, kif wieħed jagħmel ilment jew jindika kontenut perikoluż grazzi għal użu ta' sistemi telefoniċi (hotlines) li għandhom ikunu disponibbli f'kull Stat Membru. Huma għandhom jipprovdu wkoll taħriġ kontinwu għall-għalliema u l-edukaturi dwar l-użu ta' l-internet u l-perikli ta' diskussjonijiet fi gruppi 'online' bħall-forums u 'chatlines'.

B'dan il-mod, l-informazzjoni disponibbli tagħmilha possibbli għall-utilizzaturi ta' l-Internet (ġenituri, għalliema, individwi li għadhom minuri) li jiddeterminaw liema huma l-kontenuti u s-servizzi li l-aċċess għalihom huwa wieħed totalment sikur.

Approċċ aktar responsabbli : It-test jenfasizza wkoll il-bżonn li jidħol sens ta' responsabbiltà akbar f'dawk li jaħdmu f'dan is-settur, li għandhom jagħmlu dak kollu possibbli sabiex jevitaw kull forma ta' diskriminazzjoni, jipprevjenu ċ-ċirkolazzjoni ta' kontenut illeċitu jew perikoluż, jiżguraw li dan jista' jkun rappurtat meta jseħħ, u li jintroduċu tikketta ta' kwalità għal fornituri tas-servizz. Għal dan il-għan, huma mitluba jiffaċilitaw l-aċċess għall-Internet filwaqt li jevitaw kontenut perikoluż, per eżempju permezz ta' sistemi ta' kontroll jew l-implimentazzjoni ta' sinjali deskrittivi komuni jew messaġġi ta' twissija (dawn il-miżuri huma spjegati fid-dettall fiż-żewġ annessi mehmuża ma' din ir-rakkomandazzjoni).

Dritt ta' tweġiba fil-midja 'online' :

Finalment, l-abbozz ta' rakkomandazzjoni għandu l-għan li jippermetti l-użu tad-dritt ta' tweġiba fil-midji 'online' kollha. Dan id-dritt diġà jeżisti b'mod sodisfaċenti għall-midja miktuba u għas-servizzi awdjoviżivi fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, ikun xieraq li jiġu stabbiliti l-prinċipji minimi fl-livell Ewropew, sabiex ikun eżerċitat dan id-dritt ta' tweġiba għall-mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi ġodda kollha (Internet, mowbajls). Dan l-abbozz ta' rakkomandazzjoni se jiżgura d-dritt ta' tweġiba adattat għall-iżviluppi teknoloġiċi.

Monitoraġġ mill-Kummissjoni : L-abbozz ta' rakkomandazzjoni jinkludi l-possibiltà mogħtija lill-Kummissjoni li jeżamina l-ħolqien tan-numru aħdar Ewropew sabiex jinforma aħjar liċ-ċittadini dwar il-proċedura kif wieħed iressaq ilment jew dwar sistemi ta' kontroll u t-twaqqif possibbli ta' 'domain name' bħall-KID.eu. Huwa wkoll xieraq li wieħed ikun jaf li l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni u l-effettività tal-miżuri provduti f'din ir-rakkomandazzjoni u jekk ikun hemm bżonn din ir-rakkomandazzjoni terġa' tiġi eżaminata.

Din ir-rakkomandazzjoni għandha tiżgura li l-Internet jibqa' mezz attrajenti għall-komunikazzjoni u li fl-istess ħin jibqa' mezz aktar sikur għaż-żgħażaġh u għall-membri tas-soċjetà iktar dgħajfa. F'dinja li kontinwament qed tiżviluppa t-teknoloġija u l-qasam wiesa' tal-komunikazzjoni, hemm bżonn li jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali ta' l-utilizzaturi, speċjalment ta' dawk li għadhom minuri, billi jkun żgurat li l-miżuri rilevanti u l-istandards jiġu kontinwament aġġornati, implimentati fuq bażi reċiproka u evalwati b'mod regolari ħafna. Hija l-kundizzjoni meħtieġa ta' fiduċja waqt l-użu li ċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea jridu jħossu meta jużaw dawn t-teknoloġiji ġodda u wkoll fiduċja fl-iżvilupp regolari u kontinwu tagħhom.

## PROĊEDURA

|   |  |
|---|--|
| <b>Titolu</b>   | Pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' minuri u d-dinjità umana u d-dritt ta' risposta fir-rigward tal-kompetittività ta' l-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u ta' l-informatika                              |
| <b>Referenzi</b>  | 9577/1/2006 – C6-0313/2006 – 2004/0117(COD)  |
| <b>Data ta' l-ewwel qari tal-PE– Numru P</b>                                  | 7.9.2005 P6_TA(2005)0330   |
| <b>Proposta tal-Kummissjoni</b>   | COM(2004)0341 – C6-0029/2004   |
| <b>Proposta emendata tal-Kummissjoni</b>                                      | COM(2006)0031  |
| <b>Data tat-tħabbira tal-pożizzjoni komuni fis-seduta plenarja</b>            | 28.9.2006  |
| <b>Kumitat responsabbli</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja           | CULT<br>28.9.2006  |
| <b>Rapporteur:</b><br>Data tal-ħatra  | Marielle De Sarnez<br>20.9.2006  |
| <b>Rapporteur(s) preċedenti</b>   |  |
| <b>Eżami fil-kumitat</b>  | 9.10.2006 28.11.2006   |
| <b>Data ta' l-adozzjoni</b>   | 28.11.2006   |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>   | + : 19<br>- : 1<br>0 : 0   |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                                | Christopher Beazley, Guy Bono, Marie-Hélène Descamps, Věra Flasarová, Hanna Foltyn-Kubicka, Milan Gaľa, Vasco Graça Moura, Lissy Gröner, Ruth Hieronymi, Manolis Mavrommatis, Marianne Mikko, Ljudmila Novak, Miguel Portas, Karin Resetarits, Nikolaos Sifunakis, Hannu Takkula, Helga Trüpel, Thomas Wise, Tomáš Zatloukal |
| <b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>                           | Erna Hennicot-Schoepges  |
| <b>Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b> |  |
| <b>Data tat-tressiq</b>   | 29.11.2006   |
| <b>Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)</b>               | ...  |